**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 165/15**

**Emanuele Castillo**

**Vs**

**Sullivan & Sullivan Limited (C379)**

**Illum 13 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hdax (11) ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' intimata:

*"thallas l-ammont ta' hamest elef u sitt mija u sebghin Ewro (€5,670), rapprezentanti ammont dovut ghall-varji servizzi rezi mir-rikorrent lis-socjeta' intimata, fuq ordni u nkarigu taghha stess in konnsessjoni ma' attivitajiet (events) u promozzjoni permezz tal-midja tar-rikorrent, fejn ir-rikorrent kien l-Artistic Director, kif ukoll il-persuna inkarigata mil-logistika kollha u l-persuna inkarigata mis-supervizjoni waqt l-event, bl-ghodod kollha necessarji tal-Maltese Carnival in Tunisia u l-Bari Fireworks Festival Tour, liema debitu huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-Ligi u baqa' ma giex saldat minnek nonostane interpellazzjoni ghall-hlas tal-ammont dovut.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru, 2014 u bl-imghaxijiet legali ulterjuri hekk kif sancit fit-termini tal-Ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' intimata minn issa ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Sullivan & Sullivan Limited (C379) fejn eccepiet:

1. *"Illi preliminarjament, is-socjeta' eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u dana peress illi l-istess socjeta' qatt ma ordnat u/jew inkarigat lil hadd sabiex jiehu hsieb tal-logistika kollha u/jew sabiex jissupervizjona l-event tal-Maltese Carnival in Tunisia u Fireworks Tour gewwa Bari;*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba prezentata mill-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz u cioe' dak ta' hames elef sitt mija u sebghin Ewro (€5,670) mhux cert, likwidu u dovut;*

3. *Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m'hu dovut anzi kien l-attur innifsu li offra li jkun prezenti waqt l-istess tours u li sahansitra jivvjagga flimkien mal-familja tieghu ghal Maltese Carnival in Tunisia u Fireworks Tour gewwa Bari, bil-kundizzjoni li ma jhallasx ghat-titjiriet u ghall-akkomodazzjoni tieghu u tal-familja kollha;*

4. *Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat in-nota tal-attur prezentata fit-2 ta' Settembru, 2015 li permezz taghha huwa pprezenta Dokument AS li hija Skrittura privata ffirmata fis-27 ta' Novembru 2013 bejn il-partijiet, u Dokument AS1 li hija ricevuta rilaxxjata mill-Ghaqda Piroteknika 10 t'Awissu.

Rat illi fis-17 ta' Settembru, 2015 l-attur **Emanuele Castillo** ipprezenta nota ohra, li permezz taghha esebixxa affidavit tieghu stess. Huwa ddikjara li ghal diversi snin, cioe' bejn is-sena 1999 u s-sena 2008, peress li kien jaghmel parti mill-Kumitat Nazzjonali tal-Karnival, kien jissejjah mill-Kumpanija European Holidays, biex jorganizza Karnival Malti fit-Tunezija, bis-sehem tal-gruppi Maltin, ghal-liema xoghol kien jinghata remunerazzjoni xierqa minn din il-kumpanija kull sena. Kompla billi qal illi lil Reuben Vella Bray sar jafu proprju fis-sena 2000, meta dan kien impjegat ta' European Holidays u hadmu flimkien wahda minn dawn l-edizzjonijiet tal-Karnival Malti fit-Tunezija. Aktar tard hadmu wkoll flimkien fl-Awtorita' tat-Turizmu, bejn is-sena 2003 u s-sena 2008.

Qal illi f'Marzu tal-2013, kien ircieva telefonata minghand Reuben Vella Bray, fejn dan infurmah li issa kien impjegat mal-kumpanija Sullivan & Sullivan Ltd u li huma xtaqu li f'Marzu 2014 Sullivan & Sullivan Ltd jergghu itellghu mill-gdid il-Karnival Malti fit-Tunezija w li ghal dan kellu l-approvazzjoni tad-Diretturi tal-kumpanija cioe' David u Stanley Sullivan biex imexxi l-progett. Xtaqu wkoll li x-xhud ikun inkarigat bhala Direttur Artistiku ta' dan il-progett fit-Tunezija f'Marzu 2014. Sostna li dwar dan ghandu diversi e-mails mibghuta lilu minn Reuben Vella Bray li kienu jigu kkuppjati lill-istess Diretturi dwar il-hidma kollha li bdiet issir.

Qal li kien entuzjast li kien se jerga' jittella' dan il-Karnival ghaliex ra din l-inizjattiva ghala opportunita' biex mill-gdid jistabilixxi l-kuntatti li kellu fit-Tunezija kif ukoll mill-aspett finanzjarju. Kompla li huwa ltaqa' ma' Reuben Vella Bray u ma' Stanley Sullivan fl-ufficcju taghhom il-Belt ftit tal-gimghat wara t-telefonata ma' Reuben u minn hemm gie moghti l-inkarigu biex minnufih jibda jaghmel il-kuntatti mal-gruppi kollha taz-zfin u artisti tal-Karnival u jhajjarhom biex jiedu sehem f'din l-attivita' fit-Tunezija w fil-fatt hekk ghamel. Qal li kellhom it-tir li jaghmlu *'record'* u jitilghu b'madwar 1000-1500 persuna minn Malta u possibilment anke jkollhom ukoll baned u gruppi barranin.

Ix-xhud sostna li minkejja li fl-ewwel laqgha ma gietx diskuss il-hlas li kellu jircievi, kemm Reuben kif ukoll Stanley weghduh li kellu jithallas sew b'kommissjoni fuq il-persuni kollha li jirnexxielu jtella', fuq l-ammont kollu globali ta' nies li jitilghu kif ukoll fuq l-eskursjonijiet li jirnexxielhom ibieghu. Allura minn hemm beda progett ta' sena shiha xoghol, li skond hu dahal ghaliha minn qalbu. Kompla li sa ftit tal-gimghat wara, kien ga jidher car li l-partecipazzjoni kienet se tkun wahda '*record*', u dan kien jidher mill-ammont ta' e-mails u telefonati li kien jaghmel u jircievi ta' kuljum. Sostna li dan kollu kien jaghmlu a spejjez tieghu mill-ufficcju tieghu.

Castillo sostna li kuljum kien jinsisti ma' Reuben Vella Bray li ghandu jsir kuntratt bejniethom dwar il-hidma kollettiva taghhom li fost ohrajn jinkludi kif ser ikun il-hlas tieghu. Qal li wara hafna gimghat, fejn kwazi spicca hedded lill-istess Reuben li jekk mhux ser ikollu kuntratt bil-miktub kien ser jieqaf jahdem, iltaqghu fl-ufficcju tal-kumpanija Sullivan & Sullivan Ltd, u Reuben ipprezentalu l-kuntratt li qallu li kien ifformulah hu flimkien mal-ahwa Sullivan. Dan il-kuntratt kien stampat fuq *letter head* tal-kumpanija u bhala firma kellha tkun tal-istess Stanley Sullivan, pero' dakinhar tal-laqgha Reuben kien qallu li Stanley ma setax ikun prezenti minhabba xi laqgha ohra urgenti. Ix-xhud jghid li l-kuntratt riedu ffirmat dakinhar stess u ghaldaqstant dan cempel lil Stanley li min-naha tieghu ta l-permess lil Reuben jiffirma l-kuntratt ghan-nom tal-kumpanija, w fil-fatt hekk sar.

L-attur jghid li fil-kuntratt hemm stipulat car il-'*commissions'* kollha li kellu jircievi w inoltre jghid li verbalment kienu qablu bejniethom li biex kollox ikun trasparenti, Emma Parnis, impjegata principali ta' Sullivan & Sullivan fuq dan il-progett kellha tikkuppjah bi kwalunkwe '*booking*' u e-mail li tircievi.

Sussegwentement f'Settembru 2013 hu, Reuben Vella Bray u Stanley Sullivan kienu marru t-Tunezija biex jibdew bl-arrangamenti mehtiega w izid li ma' kull min iltaqghu huwa gie ntrodott bhala d-Direttur Artistiku. Jghid li kienu qabdu sistema fejn meta hu

jibghat '*booking*' lil Emma Parnis, din kienet tikkonfermalu minnufih li jkunu rcevew id-depozitu w li l-booking ikun sar, biex b'hekk hu jkun jista' jibda jzomm '*record*' shih tal-bookings kollha, inkluz tal-eskurzjonijiet, u jzid li dan hu dokumentat f'e-mails.

Castillo jghid li f'Awwissu kien hajjar lil Reuben Vella Bray biex Sullivan & Sullivan jorganizza tour ghal Adelfia, Bari, l-Italja ghad-dilettanti tan-nar Maltin u ftehmu li biex din tirnexxi kellhom iweghdu lil kull Grupp tan-Nar madwar Malta li jtuhom €20 ghal kull persuna li jibbukkjaw ghan-nom taghhom. Reuben accetta dan il-ftehim u zied il-'*package price'* b'€20. Min-naha tieghu ix-xhud ftiehem mal-Ghaqda Piroteknika 10 t'Awissu tal-Birgu (li kienet torganizza dan it-tour kull sena fis-snin tal-passat) biex jaghmlu kuntatti mal-gruppi tan-nar u jweghduhom dan il-ftehim u mbaghad hu jghaddi l-hlas kollu lill-istess Ghaqda Piroteknika biex tirranga ma' tali Ghaqdiet rispettivament.

Il-ftehim verbali tal-attur ma' Sullivan and Sullivan Limited fuq it-tour ta' Bari kien li huwa jiehu hsieb jigbor in-nies u jtellghhom hu bhala *tour leader* u jinghata €20 hlas fuq kull persuna ghax-xoghol tieghu. Sostna li peress li kienu qed jahdmu flimkien fuq il-progett tat-Tunezija, accetta hlas zghir li kien ser jammonta ghal madwar erbgha mija w erbghin Ewro (€440).

Kompla li t-*tour* sar bi problemi enormi. Sullivan & Sullivan ghamlu arrangamenti hziena fuq l-akkomodazzjoni, transport u l-aktar l-eskursjonijiet, u konsegwentement huwa kellu jaffaccja wahdu l-problemi kolha bi spejjez personali ta' hafna telefonati mill-Italja ghal Malta. Ghal dawn ir-ragunijiet huwa kien irrabjat bil-kbir u meta gie lura mill-Italja kien kwazi ser ikollu problemi ma' Reuben Vella Bray u anke ma' Stanley Sullivan meta dawn bdew jghidu li hu kien jahti ghal xi zbalji li saru fl-itinerarju ta' dan it-*tour*. Qalulu li minn dan it-*tour* kienu ghamlu telf u la setghu ihallsu lilu w lanqas lill-Ghaqda tan-Nar tal-Birgu biex din tkun tista' thallas lill-Ghaqdiet l-ohra. Ix-xhud jghid li hu kien lest li jaccetta li ma jithallasx (ghax kien jaf li qed jahdmu fuq il-progett kbir tat-Tunezija flimkien) imma lill-Ghaqdiet tan-Nar jekk ma kinux ser ihallsuhom huma kien ser ikollu

jhallashom hu biex ma jitlfux il-fiducja li kellhom fih. Reuben kien weghdu li se jtih il-flus tal-Ghaqdiet tan-Nar anke jekk kien ikollu johroghom minn butu u li l-€440 kien se jzidhomlu mal-hlas tat-Tunezija.

Sadanittant il-hidma fuq it-Tunezija kienet intensifikat hafna, il-*bookings* kienu dehlin gmielhom u l-kuntatt ma’ Emma Parnis kien kontinwu. Huwa u Reuben telghu darbtejn it-Tunezija biex saru arrangamenti u biex inbena karru tal-Karnival minn artist Malti. Huwa personalment tela’ wkoll diversi drabi Ghawdex sabiex jiltaqa’ ma’ gruppi Ghawdxin li kienu sejrin maghhom.

Lejn l-ahhar, fix-xahar ta’ Frar, l-emails min-naha ta’ Sullivan & Sullivan Ltd bdew jonqsu u l-‘*updates*’ ta’ kemm kien ser ikollhom nies ma baqghux spissi. Ghal dan il-ghan iltaqa’ ma’ Emma Parnis u Reuben Vella Bray li nfurmawh li dan in-nuqqas min-naha taghhom kien dovut ghall-pressjoni kbira ta’ xoghol u assikurawh li wara li jghaddi kollox Emma kienet se tinforma kemm lilu kif ukoll lid-Diretturi tal-Kumpanija, kemm eventwalment ikunu saru *bookings* u eskursjonijiet u kemm fir-realta’ kellu jkun il-hlas tieghu.

Kompla li ghall-attivita’ fit-Tunezija fil-fatt marru b’kontingent ta’ madwar elf u mitt (1100) ruh li maghhom inghaqdu Stanley u David Sullivan. Skond hu “l-esperjenza kienet wahda tal-bizgha ghal kull min gie!! Kien hemm rebus shih fl-arrangamenti li saru minn Sullivan & Sullivan Ltd. fuq l-akkomodazzjoni u eskursjonijiet, nies jipprotestaw, glied kontinwu, etc...” u zied li ghalkemm hu kellu jkun responsabbli biss mill-ispettaklu, spicca dahal fl-inkwiet kollu konness man-nuqqasijiet li saru mill-kumpanija. Inoltre jsostni li una volta waslu lura, l-affarijiet aggravaw ghaliex ghalkemm ipprova jaghmel kuntatt ta’ Reuben Vella Bray ghal gimghat shah, dan ma kienx jirrispondi l-mobile. Emma Parnis, mill-banda l-ohra nfurmatu li kienet ghaddiet l-*accounts* kollha, inkluz il-hlas dovut lilu lil David Sullivan.

Ghaldaqstant, kompla, mar personalment l-ufficcju tal-kumpanija biex jara kif kienu ser jipprocedu rigward hlas u hemm sab li Emma Parnis kienet harget fuq '*maternity leave'*, l-ufficcju tal-agenzija tas-safar kien maghluq, Reuben Vella Bray ma kienx ghadu mpjegat hemm u Stanley Sullivan la kien qed jidhol l-ufficcju w lanqas jiehu telefonati. Baqa' tiela' fl-ufficcju ta' David Sullivan li qallu li l-progett tat-Tunezija kien mar tant hazin li spiccaw tilfu hafna flus, u li l-kagun principali ta' dan kollu kien Reuben Vella Bray u kien ghalhekk li ma kienx ghadu mpjegat maghhom. David Sullivan kien sahansitra wrieh *e-mail* mibghuta lilu minn Emma Parnis, minn fejn kien jidher li hu (x-xhud) kellu jiehu s-somma ta' hamest elef mitejn u tletin Ewro (€5230) u kien assigurah li kien se jithallas ta' xoghlu, izda minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja hazina hafna li kienu jinsabu fiha, kien se jhallsu f'diversi pagamenti.

Castillo hawnhekk jghid li accetta din il-proposta w anke l-ammont indikat ghalkemm ma nghata l-ebda '*breakdown*' ta' kif inhadem u ghalkemm fl-opinjoni tieghu kellu jiehu iktar. Qal ukoll li huwa kien infoma lil Sullivan li l-hlas ta' l-Ghaqdiet tan-Nar tat-Tour ta' Bari, fl-ammont ta' €440, kien se johroghom minn butu, w dan kien ha nota ta' dan u anke assigurah li jekk dan kien il-ftehim li kien sar ma' Reuben Vella Bray, huma kienu lesti li jonorawh. Fil-frattemp, pero' huwa kien hallas lil Ghaqda Piroteknika 10 ta' Awissu, l-ammont dovut lilhom.

Wara bosta gimghat fejn il-hlas min-naha ta' Sullivan & Sullivan Ltd. baqa' ma wasalx, ried jiffissa laqgha ohra w din id-darba nsista li jkunu prezenti kemm David u anke Stanley Sullivan, u li kellu jsir xi forma ta' ftehim bil-miktub fuq meta w kif ser jithallas, izda Stanley Sullivan qallu li ma kienu se jaghmlu l-ebda ftehim u li ma setghux ihallsuh ghaliex kien marru hazin. Minflok offrielu li jergghu jaghmlu t-*tour* u jnaqsu l-profitt bin-nofs, izda huwa m'accettax. Stanley baqa' jinsisti li ma kienx ser ihallas, u Castillo jammetti li tilef rasu w beda jghajjat u sahansitra gholla s-siggu w telaq 'il barra w infurmahom li kien ser ifittex parir legali.

Minn hawn bdew proceduri legali, pero' cio' nonostante deherlu li xorta kellu jfittex kompromess ma' Sullivan & Sullivan, u allura bit-tama li flok imorru ghall-kawza jilhqu kompromess kien baghat sms lil Stanley Sullivan fejn ex admisses qal "*li huwa jaf li kontra r-raguni ma hemmx forza u li huwa jaf ukoll li jien ghandi l-evidenza kollha mehtiega li huma kellhom ihallsuni tax-xoghol li jien ghamilt*". Stanley wiegbu li kien se jinforma lill-Avukat tieghu biex possibbilment issir laqgha bejniethom. Fil-fatt hekk sar, pero' kkummenta li kemm waqt il-laqgha w kemm minn diversi korrispondenza, deher car li Sullivan & Sullivan kull ma bdew jaghmlu kien li jilghabu biz-zmien. U ghalhekk qieghed jitlob lill-Qorti tordna lil Sullivan & Sullivan ihallsuh is-somma globali ta' hamest elef sitt mija w sebghin Ewro (€5,670) kif ukoll l-ispejjez kollha li nkorra biex fetah il-kawza odjerna.

**Emanuele Castillo** xehed fit-28 ta' Ottubru, 2015. Esebixxa ftit mill-*e-mails* li jirreferu ghall-affidavit li kien esebixxa fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2015, li skont hu jikkorroboraw dak li effettivament jghid fl-affidavit tieghu. Spjega li f'dawn l-*e-mails* hemm referenza ghal diskussjonijiet li kienu ghaddejja bejnu w bejn Vella Bray li kien qed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll ma' impjegata ohra li jisimha Emma Paris dejjem fl-interess tas-socjeta' konvenuta. F'dawn l-*e-mails* jidher li kienu gew ikkopjati wkoll kemm David Sullivan kif ukoll Stanley Sullivan dejjem ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta. L-iskambju ta' *e-mails* li gew esebiti gew immarkati bhala Dokument CME.

Ix-xhud gie muri dokumentazzjoni li tinsab inserita fl-atti a fol. 4 *et sequitur* u spjega li hemm il-ftehim li huwa kien iffirma mas-socjeta' konvenuta, liema ftehim kien gie ffirmat ukoll minn Reuben Vella Bray ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. F'dawn id-dokumenti hemm ukoll ricevuta Dok. AS1 rigwardanti hlas li huwa stess ghamel lil Ghaqda Piroteknika 10 ta' Awissu ghat-*tour* li kellu jaghmel.

**Emanuele Castillo** xehed nhar il-5 ta' April, 2017 fejn qal illi l-komunikazzjoni li huwa kellu kienet dejjem ma' Reuben Vella Bray, pero' tenna illi kien hemm laqghat fejn kienu prezenti kemm Reuben Vella Bray kif ukoll Stanley Sullivan ghan-nom tas-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' din il-hatra li x-xhud kellu gewwa t-Tunezija. Zied jghid li effettivament sahansitra kien hemm ukoll kuntratt. Hu kien qed jahdem fuq bazi ta' *commission* bhala Direttur Artistiku. Qal illi effettivament il-weghda li hu kellhu li kellu jaqla' *commission* fuq in-nies li kien ha jtella' t-Tunezija kienet saret kemm verbalment kif ukoll hemm referenza ghaliha fil-kuntratt u qal illi fil-bidu hu ma kienx kuntent kif kien ha jithallas skont il-kuntratt pero' b'mod verbali qalulu li wara kollox kien ikun hemm ftehim iehor. Mistoqsi jekk ghandux kopja tal-korrispondenza li kien qed iwiegeb lill-partecipanti qal illi kien hemm numru ta' *emails* u ghadda numru minnhom gia lill-Qorti u ghandu ohrajn pero' apparti dawn l-emails qal ukoll li kien hemm numru ta' telefonati li hu kien ircieva. Ix-xhud kien ilu jinsisti ma' Reuben li ma setax ikompli ghaddej bix-xoghol bla ma jkollu xejn bil-miktub. Jiftakar li darba fost l-ohrajn kien tah xi gurnata, tela' l-ufficcju biex jiffirma l-*agreement* u qallu li Stanley ma setghax ikun prezenti, cempel lil Stanley, tefghu fuq speaker u talbu permess sabiex jiffirma ghan-nom tal-kumpanija u tah il-permess u kien ghalhekk li gie ffirmat. Ix-xhud kompla jghid li hu ma nsistiex li dan il-kuntratt jigi ffirmat mid-direttur peress li sahansitra Stanley Sullivan li kien direttur kien anke siefer mieghu fuq din l-azjenda.

Zied li effettivament l-ammont li qed jitlob hu jinkludi wkoll il-*commission* dwar il-*fireworks tour* li sar gewwa Bari. Jekk ma kienx sejjer zball dak ta' Bari jammonta ghal xi erba' mitt ewro (€400). Mistoqsi jghid kif hu wasal ghas-somma mitluba minnu apparti l-erba' mitt ewro (€400) qal li huma dovuti dwar it-tour lejn Bari, ix-xhud wiegeb illi s-segretarja ta' Sullivan kienet qed izzommu *updated* bil-*bookings* li kien qed jghaddilha hu rigward il-gita ghat-Tunezija u qal illi c-cifra ufficcjali giet moghtija lilu minn David Sullivan stess u dan b'mod verbali. Ix-xhud ikkalkula li approssimattivament li kellu jiehu aktar minn hamest elef ewro (€5,000). Qal ukoll illi kien hemm numru ta' *excursions* li gew mibjugha hemmhekk li naturalment hu ma kellux kontroll fuqhom

minn hawn. Ix-xhud kellu jaghmel somma approssimattiva. Fil-fatt fil-fehma tieghu jahseb li kien hemm aktar minn hekk. Qal li effettivament hemmhekk kien hemm kwantita' kbira ta' nies u kellu joqghod. Il-*commissions* fuq l-*excursions* huma nkluzi f'dan l-ammont. Il-*breakdown* tal-commissions m'ghandux. Is-somma giet moghtija lilu minn wiehed mid-diretturi stess. Il-partecipanti kollha li telghu li huma ndikati fl-email a fol 96 gew avvicinati mix-xhud. Jista' jkun li effettivament gie mqarraq. Ma jistax ikun li l-kalkoli fil-*commissions* fuq il-partecipanti li ndika kellu jkun inqas. Fil-fatt qal illi hu kellu jiehu iktar. *Records* dwar il-partecipanti ghandu. Fl-ahhar il-kelma tieghu baqghat fuq dak li kien jghidlu Reuben Vella Bray u fis-segretarja u l-ammont li qed jitlob ix-xhud hu l-ammont li gie moghti lilu minn David Sullivan direttur.

Fis-6 ta' April, 2016 xehed **Stanley Sullivan** prodott mill-attur. Mistoqsi jekk jafx lir-rikorrenti, stqarr illi jafu ghaliex kien gie ntrodott lilhom minn Reuben Vella Bray. Qal li fil-fatt kien iltaqa' mieghu meta' Reuben kien organizza gita lejn Tunez u l-attur kien prezenti. Zied li pero' l-attur kien mar fl-ufficcju taghhom diversi drabi. Sostna li hu ma kienx jaf ezattament x'kien ghaddej bejn is-Sur Vella Bray u s-Sur Castillo ghaliex hafna min-negozjati li saru mal-attur saru direttament mis-Sur Vella Bray u kompla li anke l-valuri u l-kwotazzjonijiet li nghataw lis-Sur Castillo, nghataw mis-Sur Vella Bray. Sostna li effettivament anke meta kienu gewwa t-Tunezija, kien Emanuel Castillo stess li beda jiddetta t-tariffi. Ikkonferma li s-Sur Vella Bray kien jahdem mas-socjeta' konvenuta fit-*travel department*. Spjega li s-Sur Vella Bray ma kienx direttur tal-kumpanija u ghalhekk ma kellux dritt jiffirma hu xi kuntratt ghan-nom tal-kumpanija. Mistoqsi mill-Qorti jekk hadux passi fil-konfront tas-Sur Vella Bray talli ffirma dan il-kuntratt, wiegeb li s-socjeta' konvenuta ma hadet l-ebda passi fil-konfront tas-Sur Vella Bray.

**Stanley Sullivan** rega xehed nhar il-31 ta' Mejju, 2017 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta fejn qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' konvenuta. Qal illi fiz-zmien illi Reuben Vella Bray kien impjegat mas-socjeta'

konvenuta kien hareg bl-idea li xtaq jorganizza tour gewwa t-Tunezija u kien qal illi kellu hafna kuntatti u li kien ha jkun ta’ success. Ix-xhud qal li fost il-kuntatti li kellu kien hemm l-attur Emanuel Castillo u dan Vella Bray kien qal lix-xhud li huwa kien hadem mal-attur fil-passat, dana ma’ European Holidays u kien hu ghalhekk li ntroduca l-attur lix-xhud. Qal illi bhala laqghat ma tantx kien hemm mal-attur ghaliex aktar kien jikkomunika permezz tat- telefon. Pero’ jaf li effettivament l-attur kien ikun l-ufficcju. Ix-xhud naturalment kien jaf illi effettivament Vella Bray kien qed jitkellem mal-attur fuq it-tour li kellu jsir gewwa t-Tunezija u x-xhud qatt ma staqsa lis-Sur Castillo ghalfejn effettivament kien imur l-ufficcju. Pero’ kien jaf li kienu qeghdin jaghmlu dawn il-pjanijiet ghall-mawra li kellha ssir gewwa t-Tunezija.

Gie muri dokument li jinsab inserit fl-atti proprju a fol 5 tal-process u qal li hu qatt ma kien ra dan il-ftehim qabel ma’ effettivament kienu marru gewwa t-Tunezija. Qal li fuq dan il-ftehim pero’ lanqas ma hemm il-firma tieghu u kieku kien ra dan il-ftehim effettivament kien jirranga l-wording.

**Reuben Vella Bray** xehed nhar it-30 ta’ Novembru, 2016 fejn qal illi huwa joqghod gewwa r-residenza Jean De La Vallette Street, numru 125, San Pawl tat-Targa. Huwa qal li jokkupa l-kariga ta’ sales and marketing manager mas-socjeta’ konvenuta. Huwa minnu li hu kien organizza l-Karnival flimkien ma’ Emanuel Castillo li gharaf prezenti fl-awla bhala l-attur u kompla jghid illi ta’ dan ix-xoghol li kien ghamel kien sar kuntratt bejn Mr. Castillo u s-socjeta’ konvenuta. Ix-xhud qal li l-kontenut ta’ dan il-kuntratt dik il-gurnata hu ma jiftakrux. Qal ukoll illi m’ghandux kopja tieghu. Tenna illi hu m’ghadux jahdem mas-socjeta’ konvenuta. Sakemm hu gie biex jitlaq kien jaf li Castillo kien ghadu ma thallasx tax-xoghol tieghu. Hu telaq ftit wara l-Karnival. Naturalment id-diretturi kienu jafu l-kuntratt li kien sar fil-konfront tal-attur. Fil-fatt hu kien iffirma ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta. Haseb wkoll li kien hemm xi email ukoll li effettivament hu kien baghat sabiex ikun hemm l-approvazzjoni ta’ dan il-kuntratt. Qal ukoll illi David Sullivan u Stanley Sullivan kellhom ukoll kopja tal-kuntratt ta’ qabel ma telaq ix-xhud. Gie muri

kuntratt esebit f'dawn l-atti a fol 5 tal-process u qal li effettivament dan huwa l-kuntratt u fuq dan il-kuntratt hemm il-firma tieghu u ffirma ghan-nom ta' Stanley Sullivan. Qal li hemm ukoll l-*initials* tieghu fuq kull timbru ta' dan id-dokument. Qal li zgur li kien hemm email ma' dan il-kuntratt fejn gie approvat biex jiffirmah u dan sabiex jiffirmah responsabbilta' tieghu ghall-kumpanija. L-email kienet bejn ix-xhud u bejn is-Sur Sullivan. Huwa qal illi Mr. Stanley Sullivan kien jaf dwar kull punt li hemm f'dan il-kuntratt.

**Reuben Vella Bray** rega' xehed nhar il-15 ta' Frar, 2017 fejn in kontro-ezami qal li hu lil Emanuel Castillo ilu jafu minn mindu kien jahdem il-*Malta Tourism Authority*. Xi ghaxar snin ilu. Ix-xhud qal li hu nnifsu kien jahdem ma' Sullivan u kien ghajjat lill-attur ghax kien jafu, ghax xtaq jaghmel Karnival u l-attur kellu l-kuntatti. Naturalment dan il-Karnival kellu jinzamm Tunez. Mistoqsi min kien qallu biex jibghat ghalih huwa wiegeb illi hu kien jokkupa l-kariga ta' *marketing manager* u kellu jiggenera l-ammont ta' nies u jaf li huwa kellu l-kuntatti u ghalhekk kien bghat ghalih u kellhom laqgha flimkien fil-prezenza ta' Stanley Sullivan. Fil-fatt sahansitra kienu anki siefru, kemm ix-xhud, Stanley u l-attur gewwa Tunez biex jaghmlu n-negozjati dwar l-istess. Naturalment qabel ma bghat ghall-attur ix-xhud kien staqsa lid-diretturi ta' Sullivan & Sullivan. Meta hadu d-decizjoni biex isir il-Karnival gewwa Tunez naturalment ix-xhud kellu laqgha mad-diretturi tieghu u kien hemm ukoll prezenti Christine Sullivan. Ix-xhud kien gie b'din l-idea li jaghmlu Karnival gewwa Tunez ghax kien diga organizza attivita' simili *f'job* iehor li kellu precedentement. Tenna li hu qatt ma' ltaqa' ma' Emanuel Castillo. Anzi qal li darba minnhom jaf li kienu telghu u kien wasal il-Karnival u kien tela' Tunez ma' l-attur, pero' ftit wara, xi tlett ijiem wara kien gie ukoll maghhom Stanley Sullivan. Qal li effettivament jaf li kien hemm bejn erba' u hames laqghat fejn kienu prezenti d-dirigenti ta' Sullivan & Sullivan u l-attur pero' l-quantum tal-laqghat ma niftakarx bl-ezatt ghaliex meta l-Karnival resaq qrib naturalment iltaqghu aktar spiss. Qal illi s-socjeta' Sullivan kienu jigu kkuppjati f'kull korrispondenza. Tenna wkoll li tant effettivament kienu jigu kkuppjati Sullivan illi darba minnhom jiftakar li David Sullivan li kien jahdem fl-

*accounts* li huwa wkoll direttur fis-socjeta' konvenuta kien diga' jaf kemm kellu effettivament jithallas Emanuel Castillo abbazi tal-kuntratt una volta jirritorna lura wara l-Karnival.

Ix-xhud qal illi l-kuntratt iffirmah ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u dan wara li kien staqsa z-zewg diretturi u jekk ma kienx sejjer zball hemm ukoll xi korrispondenza f'dan ir-rigward permezz ta' emails li x-xhud m'ghandux kopja taghhom u m'ghadx ghandu kuntatt mas-socjeta' konvenuta. Sostna illi hu qatt ma kien direttur tas-socjeta' konvenuta. Bhala *marketing manager* qal illi kien ikollu jiehu certi decizjonijiet u mhux dejjem kien jinghata *board resolution*. Jekk kien ikun ha jaghmel xi haga kbira kien ikun hemm biss bzonn ta' *board resolution*, fuq *marketing exercise* ma kienx ikun hemm bzonn ta' *board resolution*. Pero' kkonferma illi d-dirigenti tas-socjeta' Sullivan kienu jafu b'dan il-kuntratt qabel ma ffirmah. Fil-fatt Stanley Sullivan kien tela' maghhom Tunez biex jiddiskutu mar-rapprezentanti gewwa Tunez darbtejn jew tliet darbiet. Effettivament t-*tickets* huma kollha *recorded mat-Tourism*. Mistoqsi mill-Qorti min kien ihallas ghal-lukandi ix-xhud wiegeb illi dawn kienu jinghataw lilhom b'xejn u dan li sar kienu marru hemmhekk bhala *promotion* bil-ghan li ha jibghatulu hafna nies. Il-lukanda ttik *complementaries site visit* qabel ma' effettivament tibda tibghatilha n-nies. Anki l-ajru jkollok *a discounted price* ghaliex imbaghad huma ccarterjaw *two planes*. Ix-xhud kien ghadda fil-kuntratt li ffirma lid-dirigenti dakinhar stess u zgur li hemm email f'dan ir-rigward. Jekk ma kienx sejjer zball Noel Castillo mar maghhom it-Tunezija xi tliet darbiet pero' ma kienx cert bl-ezatt kemm il-darba. Il-biljetti thallsu mis-socjeta' konvenuta *reduced price* mat-Tunitair. L-attur kien imur maghhom on a *marketing visit* biex jara l-prodott, jara l-location fejn kienu ha jaghmlu l-Karnival biex ikun jaf il-logistika kollha. Ukoll illi meta sar il-Karnival l-attur kien tella mieghu partner u l-genitur u dan kien il-ftehim li kellhom mieghu. Il-ftehim f'dan ir-rigward kien wiehed verbali. Ix-xhud kien talab lid-diretturi jekk kienx lok li l-attur itella' mieghu l-partner u l-genitur u kienu qalulu iva.

Sostna fil-Karnival iktar kien involut id-direttur Stanley Sullivan. Stanley Sullivan kien jaf ukoll x'tip ta' spejjez kienu ha jinkorru. Huma kienu mal-lukanda illi n-nies kienu ha jhallsu *before arrival*. Anzi jghid illi s-socjeta attrici kellha thallas *before the arrival*. Fil-fatt jiftakar waqt li hu kien it-Tunezija kien kellmu *via Skype* u kien fakkru biex inizzel il-flus mieghu.Tenna illi effettivament il-lukanda kellha ttihom numru ta' kmamar b'xejn skont il-ftehim. Kien gie Stanley Sullivan fil-jum u l-flus ma gabhomx mieghu. Jaf illi l-lukandier irrabja hafna. Jiftakar ghalhekk kien mar David Sullivan via Rome u l-fifty complementary li kellu jtihom ma tahomlhomx. L-attur fil-fatt ma kellux allowance maghhom. Mhux vera illi x-xhud qal lil Stanley Sullivan li ma kienx hemm spejjez u hlasijiet dovuti lill-attur.

Kopja tal-kuntratt kellu kemm Stanley kif ukoll David Sullivan u ghalhekk l-ammont tar-revenue li effettivament l-attur kellu jiehu abbazi ta' dak il-kuntratt kienu jafu bih. Jiftakar li David Sullivan kien qal li effettivament kellhom jaghtuh is-somma una volta jinzlu. Huwa minnu illi t-tour tal-Karnival spicca fil-31 ta' Marzu, 2014 pero' huwa kien baqa' hemmhekk u Stanley kien jaf ghaliex kien baqa' hemmhekk. Qal illi minhabba dak li kien gara gewwa t-Tunezija li kien hemm drop minhabba l-incidenti li kienu sehhew u x-xhud effettivament baqa' hemmhekk tliet ijiem wara jigri mal-lukandi biex jaghmel kuntratti maghhom ghal naturalment negozju futur.

Rat il-verbal taghha tal-31 ta' Mejju, 2017 (fol. 174) fejn ordnat li kopja tax-xhieda li inghatat minn Stanley Sullivan f'dak l-istess jum flimkien mal-kuntratt esebit fl-atti a fol. 5 u 6 tal process jintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija (economic crime) sabiex l-istess dokument jigi ezaminat u investigat.

**Spettur Doriette Cuschieri** xehdet nhar il-21 ta' Marzu, fejn qalet li fit-22 ta' Frar, 2018 irceviet *file* sabiex taghmel investigazzjoni dwar allegat falsifikazzjoni ta' dokumenti. Hi għall-ewwel tkellmet mas-Sur Stanley Sullivan u dana fit-8 ta' Marzu, 2018.

Meta staqsietu dwar dak li kien effettivament xehed quddiem din il-Qorti f'din l-istess kawża u dana proprju dwar il-firma tal-kuntratt immarkat bħala Dokument AS inserit a fol. ħamsa tal-proċess, liema kuntratt huwa 27 ta' Novembru, 2013, Stanley Sullivan kien qalilha illi l-firma effettivament ma kinitx tiegħu u kieku kien kuntratt redatt minnu kien jagħmel *wording* differenti.

Staqsewh ukoll jekk jagħrafx il-firma li kien hemm fuq dan l-istess kuntratt u qalilhom li ma jagħrafhiex. Staqsewh ukoll jekk kienx hemm xi persuna awtorizzata minnu biex jiffirma floku f'ismu u qalilhom illi d-Diretturi l-oħrajn biss setgħu jiffirmaw, ċioè David Sullivan u Gloria Psaila Savona.

Żied jgħid ukoll illi dak iż-żmien huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-Soċjetà Sullivan & Sullivan Limited u li kien hemm persuna bl-isem ta' Reuben Vella Bray li kien inkarigat sabiex jagħmel *promotion ta' package holidays*. Hu qal li kien qed jagħmel dan ix-xogħol flimkien ma' Emmanuel sive Noel Castillo u dan sabiex jagħmlu xi karnival Malti ġewwa t-Tuneżija. Hija esebiet kopja ta' din id-dikjarazzjoni magħmula minn Stanley Sullivan li giet mmarkata mill-Qorti bħala Dokument DC.

In segwitu, fil-11 ta' Marzu, 2018, baghtet għal Emanuel Castillo fejn ikkonferma li l-kuntratt in kwistjoni Dok AS kien sar bejnu u s-Soċjetà Sullivan & Sullivan u dan għaliex kien qed jorganizzalhom il-karnival ġewwa t-Tuneżija. Qal ukoll li waqt li sar dan il-kuntratt, kien preżenti flimkien ma' Reuben Vella Bray. Dan ġewwa l-uffiċċju ta' Sullivan & Sullivan il-Belt Valletta. Meta mistoqsi dwar l-aħħar firma li kien hemm a fol. 6 tal-proċess, tal-kuntratt, is-Sur Castillo qal illi dik kienet il-firma tas-Sur Vella Bray għan-nom tal-kumpanija Sullivan & Sullivan Limited waqt li l-firma ta' fuqha hija ta' Emanuel Castillo. U meta mistoqsi dwar jekk is-Sur Sullivan kienx jaf dwar dan il-kuntratt, is-Sur Castillo qalilhom li tant kien jaf dwaru li saħansitra s-Sur Sullivan anke siefer magħhom sabiex jikkordina dan il-karnival. Qalilhom wkoll li qabel ma ġie ffirmat dan il-kuntratt, is-Sur Vella Bray kien ċempel lil Stanley Sullivan, għamlu *hands free* u s-

Sur Stanley kien tah il-go ahead biex jiffirma l-kuntratt u dana f'isem il-kumpanija Sullivan & Sullivan. Hija esebiet l-istqarrija rilaxxata minn Emanuel Castillo li giet mmarkata mill-Qorti bħala Dokument DC1.

In segwitu qalet wkoll li hija baghtet għal Reuben Vella Bray u dan ikkonferma t-teżi mogħtija lilhom minn Emanuel Castillo. Fil-fatt, ikkonferma illi l-firma a fol. 6 hija l-firma tiegħu u l-firma li hemm fuq il-kuntratt ta' Sullivan, hemm ukoll l-*initials* tiegħu ta' Reuben Vella Bray u qalilhom wkoll illi Stanley Sullivan kien jaf b'dak kollu li kien qed isir. Esebiet ir-relazzzjoni, l-istatement rilaxxata minn Vella Bray li giet mmarkata bħala Dokument DC2.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2018.

Ikkunsidrat:

**Fatti fil-qosor**

1. L-attur Emmauel Castillo kien gie avvicinat minn Reuben Vella Gray sabiex ikun l-Artistic Director fuq tour li kien ser isir gewwa t-Tunezija ghal Karnival li kellu jsir fid-29 ta' Marzu, 2014.
2. Illi Reuben Vella Gray kien impjegat bhala 'Director Marketing & Business Development (vide Dok CMB a fol. 36 tal-atti) mas-socjeta' konvenuta u kien hu li ressaq l-attur lejn din is-socjeta'.
3. Jinghad fil-fatt li apparti din il-mawra gewwa it-Tunesija kien ukoll responsabbli ghal xi gita ohra gewwa Bari l-Italja.
4. Illi jirrizulta li l-attur kien imur ta' sikwit fl-ufficcini tas-socjeta' konventua sabiex isegwi dak li kien ghaddej fir-rigward tal-bookings u preparamenti li kellu jkun hemm rigward il-gita gewwa t-Tunezija u sahansitra anke zjarat lejn it-Tunezija

flimkien ma Reuben Vella Gray u Stanley Sullivan kien hemm a spejjes tal-istess socjeta' konvenuta.

5. Jirrizulta ukoll li in effetti kien hemm diversi bookings li saru mas-socjeta' konventua il'fuq min elf ruh u li hu kien intitolat ghal commission fuq dawn il-bookings kif ukoll fuq il-biegh ta eskursjonijiet li kien ser ikun hemm gewwa t-Tunesija.
6. Illi l-attur jghid ukoll li r-relazzjoni guridika tieghu kienet giet ukoll formalizzata b'kuntratt li gie iffirmat minnu u minn Rueben Vella Gray li dak iz-zmien u cioe' f'Novembru, 2013 kien ghadu mpjegat tas-socjeta' konvenuta.
7. Cio nonostante pero' Stanley Sullivan, Direttur tas-socjeta' konvenuta jghid li ma kien jaf xejn dwar dan id-dokument u li Vella Bray ma kellux awtorizazzjoni jiffirma kuntratt ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u kien ghalhekk li s-socjeta' konvenuta ma kienitx disposta tonora l-ftehim iffirmat minn Vella Bray (Dok AS fol 5).
8. Illi l-attur ipprova jithallas b'mod amicevoli tas-servizz li ppresta pero' s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u kien ghalhekk li kellu jintavola tali kawza.

## Min jallega irid jipprova

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kawza deciza minnha stess kif presjeduta fis-16 ta' April, 2013 fl-ismijiet **<u>Martin Mifsud et vs Marika Almerigo</u>** fejn intqal:

**"**Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**. **L-Artikolu 559** ukoll jipprovdi li l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib".

Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet **<u>Joseph Zammit vs Joseph Hili,</u>** Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu:

**"***ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."*

Ghalhekk, fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu.

Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Jigi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** (deciza 28/04/2004):
"**...***li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*
*F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante reus absolvitur'. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-proncipju l-iehor 'reus in excipiendo fit actor', ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu.*

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri** (deciza 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed tezamina hsara b'tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-
"*Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi".*

Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni."

Finalment il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha stess tal-31 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet **MiddleSea Insurance p.l.c. vs Rudolph Spiteri (**Cit. Nru. 1168/03FS) li fiha gabra ta' decizjonijiet fuq dan l-aspett.

**Relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti:**

Is-socjeta intimata eccepiet li ma kellhiex relazzjoni guridika ma l-attur u se mai r-relazzjoni li kellu l-attur kienet wahda ma Reuben Vella Bray u li ghalhekk kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill- Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur".*

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra, hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

Il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992[1]:

*"Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor; Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni; Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.*

Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (**Art. 993 Kap. 16)** li fil-kawza" *kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."*

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell[2] gie ritenut ukoll li,

[1] Vol. LXXVI iv 677.

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata.*
*Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe v. Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."*

U aktar tard ziedet li:

**"***Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999)."*

**Mis-suespost jemergu dawn il-principji:**

- Normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu;
- Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;
- Fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz;
- Kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita in buona fede;
- Min innegozja mal-attur kellu jirrileva b'mod car u univoku li f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata;

---

[2] 20 ta' Ottubru 2003.

• Altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta;

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno.

L-attur qed issostni li s-socjeta' intimata ma gabet ebda prova li tindika li ma kienitx konsapovoli li Reuben Vella Bray kien qed jagixxi f'isem is-socjeta` intimata. L-attur isostni li Reuben Vella Bray dejjem ghamilha cara li hu qed jikkontratta f'isem socjeta` intimata li kienet qed tiehu hsieb l-organizazzjoni ta' dawn iz-zewg tours f'Bari u Tunezija.  Min-naha tas-socjeta' intimate, din qed issostni li qatt ma kellha indikazzjoni li n-negozju kien qed isir mas-socjeta' minnha rappresentata.

Il-Qorti pero' fliet l-atti u jirrizulta s-segwenti fir-rigward din l-eccezzjoni.

L-attur jghid li huwa kien jikkomunika ma Reuben Vella Bray fil-kapacita' tieghu ta' Sales Director Marketing u mhux mieghu fil-vesti tieghu personali.  Jghid li fil-fatt il-laqghat li kien ikollu mieghu kienu ikunu dejjem fl-ufficcini tas-socjeta' intimata u sahanstira anke barra minn Malta meta l-istess Vella Bray u sahansitra d-Direttur tas-socjeta' intimata Stanley Sullivan kien jattendi.  Illi l-attur esebixxa numru ta' dokumenti konsistenti f'emails li jindikaw li fil-korrispondenza li kient tigi skambjata bejnu u bejn Reuben Vella Bray, din kienet issir fuq dokumentazzjoni tas-socjeta intimata u d-Diretturi ta' din is-socjeta' kienu sahanstira anke jigu "cc'd" fil-korrispondenza (vide Dok esebit fl-atti a fol. 67, 82).  Stanley Sullivan ghan-nom tas-socjetaa intimata ukoll jikkonferma li kien jara lir-rikorrenti fl-ufficini tieghu.  Jghid pero' f'nifs wiehed li kien jarah ta' sikwit fl-ufficcini pero' ma jafx x'kien imur jghamel ghandhom u f'nifs iehor jghid li kien jaf li kien jitkellem ma Vella Bray dwar gita li kienet qed torganizza s-socjeta' intimata. Jghid ukoll li kien gie introdott lill-attur tramite Vella Bray u dan bil-

ghan li jghinhom fl-organizazzjoni ta' dawn iz-zewg giti minhabba l-esperjenza li huwa kellu f dan il-qasam.

Is-socjeta' intimata tramite x-xhud taghha Stanley Sullivan tghid li ma kienitx taf bil-ftehim esebit fl-atti a fol 5 u ad ogni caso hija qatt ma awtorizzat lil Vella Bray jiffirma ghan-nom taghha. Dan pero' huwa kontradett kemm minn Vella Bray li jghid li kien tkellem mad-Diretturi tas-socjeta' intimata qabel ma ffirma dan il-ftehim tant li huwa ffirmah on behalf of Sullivan & Sullivan u in oltre, l-attur jghid li qabel ma ffirma dan il-ftehim Vella Bray kien cempel lil Stanley Sullivan u poggieh fuq loud speaker u semgha d-diskussjoni li ghaddiet bejn Vella Bray u Stanley Sullivan fis-sens li Stanley Sullivan kien awtorizza lil Vella Bray jiffirma dan l-istess kuntratt. Qal li kieku huwa ma kellux dan il-ftehim bil-miktub ma kienx ikompli jiehu hsieb bil-preparamenti.

Jirrizulta ukoll minn ezami tad-dokumentazzjoni esebita li in effetti hemm skambju ta' emails bejn l-attur u Emma Paris ghan-nom tas-socjeta' intimata. Is-socjeta' intimata qatt ma qalet li din it-tfajla ma kienitx awtorizzata tikkomunika mal-attur ghan-nom tas-socjeta' intimata dejjem fir-rigward ta' dawn iz-zewg giti.

Il-Qorti ghalhekk thoss li tali eccezzjoni ma kienitx misthoqqa fid-dawl tal-provi prodotti u kienet tistenna lill-istess avukat tas-socjeta' intimata tirtira eccezzjoni ta' din il-kwalita' u mhux tinsisti li tinghata sentenza fuqha. Din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**Dwar il-mertu.**

Illi fil-mertu s-socjeta' intimata eccepiet li t-talba attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhux certu liwkidu u lanqas dovut.

Illi jidher li mhux kontestat li z-zewg giti saru kemm dik lejn Bari kif ukoll lejn Tunezija. Mhux kontestat li in effetti ghal dawn iz-zewg vjaggi l-attur ipprezenta s-servizzi tieghu.

Ghalhekk m'hemmx dubbju li ghal tali xoghol irid jithallas – dan m'ghandux ghalfejn ikun iddubitat. Pero' jidher li s-socjeta' intimata qed tikkontesta l-quantum mitlub ukoll.

Illi l-attur xehed li in effetti huwa kien hajjar diversi nies sabiex jghamlu dawn iz-zewg vjaggi biss biss lejn it-Tunezija kien hemm aktar minn elf u mitt ruh li attendew tramite l-intromissjoni tieghu. Dan mhux ikkontestat u jew almenu s-socjeta' intimata ma gabet l-ebda prova sabiex tinnega dan il-fatt. Illi mill-iskambju tal-emails li gew prodotti jirrizulta bic-car li r-rikorrenti kien ha din l-affari bis-serjeta' u sahanistra kien ghamel l-almu tieghu biex tali gita jirnexxu. Is-socjeta' intimata min-naha taghha ma resqet l-ebda prova kuntrarja ghal dak li stqarr l-attur la dwar kemm ghandu jiehu u lanqas dwar kemm in effetti telqu nies minn Malta ghal dawn iz-zewg giti. Kien jistenna lis-socjeta' intimata li ghandha f idejha r-records li tipprovdi informazzjoni jew prova dokumentarja kuntrarja ghal dak li allega l-attur. Illi minn imkien ma jirrizulta li dak li qed jitlob l-attur mhux minnu lanqas sal-grad tal-probabbli. Is-socjeta' intimata strahet biss fuq dak li qalet fl-eccezzjonijiet taghha fejn qalet li l ammont mhux dovut. Imkien ma hemm indikat li fil-fatt is-somma kellha tkun inqas minhabba xi ragunijiet partikolari. Jinghad li l-impjegat taghha Reuben Vella Bray stess jaghti ragun lill-attur u jghid li sakemm telaq hu mix-xoghol tieghu l-attur kien ghadu ma thallasx tax-xoghol li ghamel. Vella Bray qatt ma jghid li l-attur mhux vera hadem ix-xoghol li qal li ghamel. Is-socjeta' intimata lanqas resqet lil Emma Paris jew impjegati ohra li maghhom ir-rikorrenti kien jitkellem sabiex jipprovaw jiskreditaw lir-rikorrenti. Is-socjeta' intimata strahet biss fuq ix-xhieda ta' Stanley Sullivan li ma tanx tefghet dawl fuq dak li in effetti gara. Ix-xhieda tieghu iktar kienet indirizzata lejn il-fatt li r-rikorrenti ma kienx imqabbad minnhom u li s-socjeta' intimata ma kellhiex relazzjoni mieghu. Waqfet milli resqet prova dokumentarja jew xhieda ohra sabiex tikkontesta jew iccahhad dak li qal l-attur stess. Ghalhekk, tali eccezzjoni ghandha ukoll tigi michuda. Dwar il-quantum, l-attur qed jipretendi s-somma indikata fir-rikors promotur u s-socjeta' intimata fl-ebda hin ma resqet xi prova kuntrarja sabiex tipprova li dan l-ammont mhux dovut izda semmai ammont verjuri. Dan

m'ghamlitux u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ser tabbracja l-ammont mitlub minnu.

Dwar l-eccezzjoni l-ohra li l-ebda flejjes m'huma dovuti lill-attur ghaliex kien l-attur stess li offra li jkun prezenti waqt l-istess tours u li sahansitra jivvjagga flimkien mal-familja tieghu u l-kundizzjoni li ma jhallasx ghat-titjiriet u ghall akkomodazzjoni tieghu u tal-familja kollha. Il-Qorti verament tqis li tali eccezzjoni hija wahda frivola u mhux misthoqqa. Jidher car mid-dokumenti esebiti li l-attur kellu rwol attiv fl-organizazzjoni ta' dawn il-giti u mhux sempliciment kif donnha qed tippretendi li sar is-socjeta' intimata, li l-attur qabad u mar maghhom flimkien mal-familjari tieghu u qisu ha vjagg b'xejn minn fuq dar is-socjeta' intimata. Jidher bic-car li kull meta bniedem isiefer bhal tour leader jew organizzatur, dan qatt ma jhallas ghall-partecipazzjoni tieghu u huwa naturali li l-vjagg tieghu ikun gratis u dan bhala inkoraggjament sabiex jirsisti aktar u iressaq aktar nies biex jaghmlu bookings. Kif tippretendi s-socjeta' intimata li persuna taghti servizz bhal dan u ma tithallasx taghha, hija inkoncepibbli.

**Ghalhekk, din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tal-attur b'dan illi qed tichad l-eccezzjonijiet KOLLHA tas-socjeta' intimata u b'hekk qeghda tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma imsemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef u sitt mija u sebghin Ewro (€5,670).**

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-5 ta' Novembru, 2014 u bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali tal-5 ta' Novembru, 2014.

Dr. Consuelo Scerri Herrera
Magistrat

Deputat Registratur